MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1071/2004

**V.J. Salomone (Consumer Line) Limited**

**Vs**

**J & C Dispensaries Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm720.67c (seba' mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Isabelle Grima Hammett li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm720.67c (seba’ mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------